



Brussell, 22 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7633/19

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0226(COD)

CODEC 703
DROIPEN 41
CYBER 97
JAI 304
TELECOM 136
MI 267

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-13 ta' Settembru 2017 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmiha hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 83(1)²³ TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Jannar 2018⁴.

¹ 12181/17.

² F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawk l-Istati Membri mhumieq qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumieq marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

³ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

⁴ ĠU C 197, 8.6.2018, p. 24.

3. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-risultat tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif imniżżla fid-dokument PE-CONS 89/18, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni fl-addendum għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ 7177/19.